**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Marzu, 2020

Rikors Numru: 34/18 AL

**A B**

**Vs**

**C D**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi li pemezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-attriċi kellha relazzjoni intima ma' C D, liema relazzjoni intemmet żmien ilu;

2. Illi minn din ir-relazzjoni l-attriċi kellha tarbija bl-isem E D fil-15 ta' Marzu 2013, liema tarbija hija rikonoxxuta mill-missier konvenut, kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri. (kopja taċ-ċertifikat tat-twelid annessa u mmarkata bħala Dok A);

3. Illi minkejja s-suespost, l-attriċi dejjem ħadet ħsieb it-tarbija weħidha, mingħajr ebda għajnuna u intervent tal-konvenut;

4. Illi minħabba nuqqas t' interess tal-konvenut C D, huwa naqas milli jattendi s-seduti ta' medjazzjoni sabiex jintlaħaq ftehim dwar il-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-minuri E D, kif jidher mid-digriet tal-Onorabbli Qprti bin-numru 169/18 AL u għaldaqstant tali medjazzjoni ġiet magħluqa nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar 2018 (kopja tad-digriet annessa u mmarkata bħala Dok B)

5. Illi hu ċar li l-konvenut C D m'għandu l-ebda interess illi jkun involut fit-trobbija ta' ibnu E D.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tisma' lill-attriċi b' urġenza sabiex takkordalha l-kura w kustodja kompleta tal-minuri E D, kif ukoll l-awtorita' parentali;

2. Tistabbilixxi ammont xieraq ta' manteniment għall-minuri E D;

3. Tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq f' dan il-każ.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li jibqa' inġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-xhieda tal-attriċi;

Semgħet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li ġew prodotti, id-dokumenti li ġew esebiti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-Qorti għandha quddiemha azzjoni fejn ir-rikorrenti qegħda titlob li tiġi fdata esklussivament bil-kura u kustodja tal-minuri E D imwieled fil-15 ta' Marzu 2013, kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid esebit bħala Dok A fol 3 tal-proċess. Hija qed titlob ukoll li l-konvenut iħallas il-manteniment għall-minuri.

Illi jirriżulta li l-konvenut ma ppreżentax risposta fit-terminu stabbilit mil-Liġi, għalhekk huwa kontumaċi skont il-Liġi kif jirriżulta mill-verbal datat 13 ta' Marzu 2019 (fol 16).

<u>Provi:</u>

Illi A B ir-rikorrenti, xehdet permezz ta' affidavit[1] u qalet li hija kellha relazzjoni intima ma' E D u minn din ir-relazzjoni twieled E D fil-15 ta' Marzu 2013. Xehdet li l-konvenut temm ir-relazzjoni magħha sitt xhur biss wara t-twelid tat-tarbija u dejjem ħadet ħsieb it-trobbija tal-minuri E weħedha. Żiedet tgħid li fl-ewwel tlett snin, il-konvenut kien għaddielha xi flus għall-minuri, iżda wara dawk it-tlett snin tilef kull kuntatt u ma baqax iħallas xejn għall-minuri, tant li hi kellha tmur toqgħod flimkien ma' ommha u ma' missierha, u kellha tieħu ħsieb kollox hi għal dak li kien relatat mat-trobbija tal-minuri. Spjegat, li huwa evidenti li l-konvenut m'huwiex interessat fit-trobbija tal-minuri E, u hija qed ikollha diversi diffikultajiet għax dejjem ikollha bżonn il-firma tal-missier għal ħafna formoli, u ma tkunx tista ssib il-konvenut u lanqas tkun tista tikkuntatjah.

[1] Fol 21 tal-process.

Illi xehed F B permezz ta' affidavit[2] u qal li hu missier ir-rikorrenti, u illi minn meta C D telaq lil bintu, xhur wara t-twelid tat-tarbija, bintu kellha tmur toqgħod magħhom flimkien ma' binha. Żied igħid li hu u martu jippruvaw igħinu kemm jistgħu iżda dan huwa piż kbir fuqhom peress li huma anzjani.

Illi xehdet G H B permezz ta' affidavit[3] u qalet li hija tiġi omm A B. Hija kkonfermat li ftit xhur wara t-twelid tat-tarbija C D kien telaq lil bintha, konsegwentement bintha flimkien mat-tarbija kellhom imorru joqgħodu fid-dar magħhom, id-dar hija żgħira u fiha joqgħodu sitta minn nies. Kompliet tixhed li sabiex igħinu lil binthom A, iħallsu l-kontijiet tad-dawl , ilma, telephone u ikel, iżda dan huwa ta' piż kbir meta jiġi kkunsidrat li l-missier tat-tarbija m'huwiex iħallas xejn għat-trobbija tal-minuri.

<u>PRINĊIPJI LEGALI</u>

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkonsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Illi fil-kawża Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli[4], intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mil-prinċipji tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, r-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs Reverendo George Lawless[5], il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta`, ed a tutte le circostanze

---

[2] Fol 20 tal-process.
[3] Fol 22 tal-process.
[4] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Gunju 2003, Citazz Numru 2668/1996/2RCP;
[5] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Dicembru 1858;

del caso – sotto quei provvediemnti, che si peputino spedienti del vantaggio di tali figli."

Illi ingħad ukoll fil-kawza fl-ismijiet John Cutajar vs Amelia Cutajar et[6], u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[7], illi "apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'din il-kawża, huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut……"

Għaldaqstant, il-Qorti għandha s-setgħa li jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[8].

Illi f'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodici Civili li jistipula "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi." L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."

Għalhekk, abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Illi meta l-Qorti tiġi biex tistabilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-

---

6 Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956

7 Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Cit. Nru. 1715/2001/1) (RCP).

8 Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

riżultat.  Iżda, fl-artikolu 20 tal-istess Kapitlu insibu kif jitqies il-manteniment.  Dan l-artikolu jaqra hekk:

"(1). Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.

(2). Fl-istħarriġ sabiex jinsab  jekk  min  jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' ohra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu  fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.

(3).Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu  mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli  kemm immobbli  u kull dħul li jinħoloq taħt trust.

(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi  jilqa'  f'daru  l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx  axxendent jew dixxendent.

(5) Meta jinqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll  ta' kull interess benefiċċju taħt trust."

<u>APPLIKAZZJONI TA' DAWN IL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN</u>

Illi fil-każ, in eżami, jirriżulta li l-konvenut huwa kontumaċi u għandu jingħad li l-kontumaċja hija fiha innifisha mhijiex ammissjoni iżda għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni hekk kif ritenut fil-ġurisprudenza.

"Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni."  (Charles Saliba vs Salvu Borg – deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 1997, u skont dejjem kif ġie referut minn dawn il-Qrati, l-kontumaċja għandha tiġi

interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti għalhekk tidħol f'ċerti dettalji li tħoss illi huma meħtieġa biex tistabilixxi l-verita tal-fatti."[9]

Għalhekk, jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrenti li tipprova t-talbiet tagħha huma ġustifikati fil-fatt u fid-dritt.

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, jirriżulta fil-każ in eżami illi l-konvenut ħalla lil ibnu tarbija wara ftit xhur, illi kien hallas xi flejjes għall-manteniment ta' ibnu fl-ewwel tlett sin ta' ħajjet ibnu minuri, izda sussegwentement la baqa' jħallas u lanqas juri interess jew isegwi lil ibnu. Fiċ-ċirkostanzi, jirriżulta li r-rikorrenti kellha tirrikorri għall-għajnuna tal-ġenituri tagħha peress li ma kinitx taħdem u marret toqgħod fid-dar tal-ġenituri tagħha flimkien ma' binha minuri.

Illi jirriżulta wkoll, li minn din id-data l'hawn, il-konvenut ma weriex wisq interess li jżomm kuntatt  ma' ibnu. Għalhekk, in vista tas-suespost, fil-fehma tal-Qorti il-kura u l-kustodja tal-minuri E għandha tkun fdata unikament u esklussivament f'idejn ir-rikorrenti. Di piu`, il-Qorti kkunsidrat ukoll li r-rikorrenti kienet responsabbli għall-għixien u t-trobbija tal-minuri fl-assenza tal-konvenut, sa minn mindu l-minuri kien għadu żgħir, u dan għamlitu bl-għajununa tal-ġenituri tagħha, kif ġie kkonfermat fix-xiehda tagħhom. Din il-Qorti tiddikjara għalhekk li kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, safar, inkluż ħruġ u/jew tiġdid  tal-passaport tal-minuri, għandha tittieħed mir-rikorrenti  weħedha mingħajr il-bżonn tal-awtoriżazzjoni u /jew il-kunsens tal-konvenut.

Illi dwar l-aċċess, il-Qorti kkunsidrat illi l-konvenut f'din il-kawża ma deherx biex jikkontestaha jew biex jitlob xi tip ta' aċċess minimu għal ibnu. Illi l-interess tal-konvenut f'ibnu sa mit-twelid tat-tarbija jidher evidentement li kien minimu, għalhekk, m'hemmx lok li din il-Qorti tipprovdi dwar aċċess.

Illi dwar il-manteniment, il-Qorti dejjem irriteniet li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew introjtu tal-ġenitur iżda huwa obbligu assolut. Dan ifisser li kull ġenitur

[9] Ruth Apap vs Noel Apap deciza mill-Prim' Awla fit-30 ta' Gunju 1995, u Emanuel Spiteri et vs Bernadette Meilak noe, Prim' Awla deċiża fil-15 ta' Jannar 2014; Raymond Gauci pro et noe vs Christopher Galea, Prim' Awla deċiża fis-26 ta' April 2001; Ronald Miclalef et vs Subway Malta Limited, Prim' Awla deċiża fis-6 ta'  Marzu 2001.

għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu. Għalhekk, l-obbligu tal-konvenut li jħallas il-manteniment għal ibnu, indipendentement mill-fatt huwiex jaħdem jibqa' in vigore. Għalhekk, din il-Qorti tordna li l-manteniment għall-minuri E dovut mill-konvenut lir-rikorrenti għandu jkun ta' €300 fix-xahar, li jinkludi l-ispejjeż ta' saħħa u ta' edukazzjoni. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri E jagħlaq l-eta` ta' tmintax-il sena jew jibda jaħdem fuq bażi full-time, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Fil-każ li E jibqa' jistudja, fuq bażi full-time, wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-wild jagħlaq l-eta` ta tlieta u għoxrin sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunke benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri inkluż 'children's allowance' għandu jkun perċepibbli mir-rikorrenti. Jekk il-wild jiddeciedi li jmur igħix għal rasu, il-manteniment jitħallas direttament lilu.

<u>DEĊIDE</u>

Għaldaqstant u għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

1.Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u takkorda l-kura u kustodja tal-minuri E D unikament u esklussivament f'idejn ir-rikorrenti. Takkorda wkoll l-awtorita` parentali f'idejn ir-rikorrenti.

2.Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' €300 fix-xahar lir-rikorrenti għall-minuri E, li jinkludu l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Il-manteniment jiżdied kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri E jagħlaq l-eta` ta' tmintax-il sena jew jibda jaħdem fuq bażi full-time, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Fil-każ li E, jibqa' jistudja, fuq bażi full-time, wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont

liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Jekk il-minuri jmur jgħix għal rasu, il-manteniment jitħallas direttament lilu.

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti  saħħa, edukazzjoni, safar, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri, għandha tittiehed mir-rikorrenti waħedha mingħajr il-bżonn tal-awtoriżazzjoni u/jew il-kunsens tal-konvenut.

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.